**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru.: 26/2015**

**Mario Salnitro [K.I. numru 659055(M)], u Josephine Frendo [K.I. numru 27523(G)]**

**vs**

**Anthony Cini [K.I. numru 474750(M)]**

**Illum, 09 ta' Marzu 2017**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

> Illi ir-rikorrenti jikru l-fond kantuniera li minn St Dominic Street, Valletta jgib in-numru 130 u minn Merchant Street jgib in-numru 90, lill-intimat Anthony Cini, biex jigi uzat bhala 'grocer' versu l-

kera ta' tlieta u erbghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€43.53) fix-xahar.

Illi f'dawn l-ahhar xhur l-intimat biddel id-destinazzjoni ta' dan il-fond u fil-fatt ma ghadux juza l-istess proprjetà bhala 'grocer' u ghalhekk l-proprjetà msemmija ma baqghatx tintuza ghall-iskop li ghalih inkera.

Illi barra minn hekk, l-intimat Anthony Cini halla l-imsemmija proprjetà taqa' fi stat ta' dilapidazzjoni minhabba nuqqas ta' manutenzjoni illi kien fid-dover li jiehu hsieb l-istess intimat.

Illi l-intimat kien interpellat sabiex ihalli l-imsemmija proprjetà libera u battala favur l-esponenti izda naqas milli jaghmel dan.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna l-izgumbrament ta' l-intimat Anthony Cini mill-fond kantuniera li minn St. Dominic Street, Valletta jgib in-numru 130 u minn Merchants Street, Valletta jgib in-numru 90, fi zmien qasir u perentorju li l-istess Bord joghgbu jippreferiggi wara li jaghti l-opportuni provvedimenti.

Ra illi l-intimat minkejja li debitament notifikat kif jirrizulta fuq in-naha ta' wara ta' folio 11 tal-process u a folio 13 u 14 tal-process, ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2016 ir-rikorrenti iddikjaraw li se jistriehu fuq l-atti processwali u talbu li l-kawza tmur ghas-sentenza.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-inkwilin mill-fond mertu tal-kawza minhabba (a) bdil fid-destinazzjoni tal-fond u (b) nuqqas ta' manutenzjoni.

Illi l-intimat, minkejja li debitament notifikat, la pprezenta risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawza u ghalhekk huwa kontumaci.

Illi l-intimat baqa' ma deherx tul il-proceduri.

Illi r-rikorrent, fix-xhieda tieghu a folio 17 et sequitur tal-process, ikkonferma r-rikors tieghu u esebixxa wkoll sett ritratti fl-envelopp markat RRB 26-2015 li jinsab inserit wara dik ix-xhieda tieghu, liema ritratti juru li l-fond mhux mizmum tajjeb. Ix-xhud Simon McKay a folio 24 et sequitur tal-process, li ghandu hanut bieb 'il fuq mill-imsemmi fond, jikkonferma li l-fond minn barra mhux mizmum tajjeb izda gewwa qatt ma dahal. Jikkonferma wkoll illi l-fond m'ghadux jintuza bhala grocer izda huwa fond li minnu jinbieghu affarijiet antiki.

Illi ghaldaqstant il-kawzali li r-rikorrenti sejsu l-kawza taghhom fuqhom jirrizultaw pruvati u ghalhekk it-talba taghhom timmerita li tkun milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur